

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill naqas milli jissodisa l-kriterju għall-inklużjoni tar-rikorrenti stabbilit mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/172/PESK, tal-21 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Egħiġġi (ĠU 2011 L 76, 22.3.2011, p. 63) (kif emendata) u mill-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 270/2011, tal-21 ta' Marzu 2011, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Egħiġġi (ĠU 2011 L 76, p. 4) (kif emendat). Ir-rikorrenti jsostnu li huma ma ġewx "identifikati bħala responsabbi" għal misappropriazzjoni ta' fondi tal-Istat Egħiżjan jew għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Egħiġġi, jew bħala persuni assoċjati ma' persuni identifikati bħala tali.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill kiser id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. B'mod partikolari, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill naqas milli jeżamina bir-reqqa u b'mod imparzjali jekk ir-raġunijiet allegati, adottati sabiex jiġiustifikaw l-indikazzjoni l-ġdidha tagħhom, kinux fondati fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti qabel l-indikazzjoni l-ġdidha tagħhom.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kunsill kiser, b'mod ingħustifikat u sproporzjonat, id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, inklużi d-drittijiet tagħhom għall-proprjetà u tar-reputazzjoni tagħhom. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill naqas milli juri li l-iffriżar tal-assi u tar-riżorsi ekonomiċi tar-rikorrenti jisittek li jilħaq għan leġġitimu jew huwa ġġustifikat minnu, u inqas u inqas li huwa proporzjonat għal tali għan.

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2015 – CEVA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-601/15)

(2015/C 429/36)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Centre d'étude et de valorisation des algues SA (CEVA) (Pleubian, Franzia) (rappreżentant: E. De Boissieu, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Talbiet

- tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas lis-CEVA s-somma ta' EUR 59 103,21 skont il-Grant Agreement;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob il-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas tal-ewwel rata tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt SEABIOPLAS u tal-ftiehim ta' sussidji tagħha ("Grant Agreement"), dwar proġetti ta' riċerka u ta' żvilupp teknoloġiku fil-qasam "L-alka li tirriżulta mill-akkwakultura sostenibbli bħala materja prima għall-bijoplastik bijodegradabbli", wara tpaċċija awtomatika għall-istess ammont magħmula minnha bħala rkupru, skont konklużjonijiet ta' awditi finanzjarju tal-OLAF, tas-somom imħallsa lir-rikorrenti fil-kuntratt PROTOP.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka, essenzjalment, motiv uniku, ibbażat fuq żbalji mwetttqa mill-Kummissjoni li jaffettwaw l-irkupru permezz ta' tpaċċija tal-ammonti riċevibbli tas-somom imħalla sa mill-Kummissjoni lir-rikkorrenti. Ir-rikkorrenti ssostni essenzjalment f'dan ir-rigward, li l-kundizzjonijiet ta' tpaċċija ma humiex issodisfatti. L-ewwel nett, l-ammont riċevibbli tal-Kummissjoni fuq ir-rikkorrenti ma huwa la ċert u lanqas dovut. Sussegwentement, il-Kummissjoni ma osservatx l-Artikolu 87(2), dwar l-irkupru ta' ammonti riċevibbli bi tpaċċija, u l-Artikolu 88 dwar l-irkupru meta ma jsirx ħlas volontarju, tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012, tad-29 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Fl-aħħar nett, ir-rikkorrenti ssostni li l-Kummissjoni ma għandha ebda azzjoni kuntrattwali fir-rigward tagħha. Sussidjārjament, fil-każ fejn il-Qorti Ġenerali tqis it-tpaċċija bħala fondata, ir-rikkorrenti ssostni li r-rimbors totali tas-sussidju li hija rċeviet imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u jirrappreżenta arikkiment indebitu tal-Kummissjoni.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ottubru 2015 – Elan vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-27/13)<sup>(1)</sup>

(2015/C 429/37)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Il-President tal-Ħames Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 86, 23.03.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ottubru 2015 – ECC Couture vs UASI – Ball Wholesale (Culture)**

(Kawża T-28/13)<sup>(1)</sup>

(2015/C 429/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 79, 16.3.2013

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Ottubru 2015 – Ryanair vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-260/13)<sup>(1)</sup>

(2015/C 429/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Il-President tas-Sitt Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 189, 29.6.2013.